31995R0455



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 455/95

## tat-28 ta' Frar, 1995

## li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1547/87 u (KEE) Nru 1589/87 dwar ix-xiri għall-ħazna ta' butir mill-aġenziji ta' l-intervent u r-Regolamenti (KEE) Nru 2191/81 u (KEE) Nru 570/88 dwar il-konċessjoni ta' għajnuna għax-xiri u l-bejgħ ta' butir bi prezz imnaqqas lil ċerti kategoriji ta' konsumaturi u industriji

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju, 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq għall-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bl-Att tal-Għaqda ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 6(6), l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7a (1), l-Artikolu 7a (3), l-Artikolu 12(3) u l-Artikolu 28 tiegħu

Billi r-Regomanet tal-Kunsill (KEE) Nru 985/68 tal-15 ta' Lulju, 1968, li jindika regoli ġenerali għall-intervent fis-suq fil-butir u fil-krema [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2045/91 [3], ġie mħassar b'effett mill-1 ta' Marzu, 1995 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2807/94 ; [4]

Billi wħud mir-regoli fir-Regolament (KEE) Nru 985/68 ġew inkorporati fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2807/94;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 685/69 ta' l-14 ta' April, 1969, li jiddettalja regoli sabiex jiġi applikat intervent fis-suq fil-butir u fil-krema [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 393/94 [6], kien abbozzat mill-ġdid meta kien qiegħed jiġi emendat b'rizultat tat-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 985/68;

Billi ġie wkoll imħassar b'effett mill-1 ta' Marzu, 1995, b'riżultat ta' dan;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1547/87 tat-3 ta' Ġunju, 1987, li jindika regoli dettaljati biex jiġi applikat ir-Regolament 777/87 dwar ix-xiri għall-ħażna ta' butir ta' l-intervent [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1634/94 [8], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1589/87 tal-5 ta' Ġunju, 1987, dwar il-bejgħ ta' butir bl-offerti lill-aġenziji ta' l-intervent [9], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3337/94 [10], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2191/81 tal-31 ta' Lulju, 1981 dwar il-konċessjoni ta' għajnuna għax-xiri tal-butir minn istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet bla qligħ [11], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3337/94, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 570/88 tas-16 ta' Frar, 1988 dwar il-bejgħ tal-butir bi' prezzijiet imnaqqsa u l-konċessjoni ta' għajnuna għall-krema, il-butir u l-butir koncentrat sabiex jintużaw fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti tal-pastiċċiera, ħwejjeġ ta' l-ikel magħmulin l-għaġina u bil-ħaxu, tal-ġelat u prodotti oħra ta' l-ikel, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3337/94, jagħmlu riferenza għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti (KEE) Nru 985/68 u (KEE) Nru 685/69;

Billi r-Regolamenti ta' hawn fuq għandhom jiġu emendati bis-sostituzzjoni ġewwa fihom ta' referenzi għar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 804/68 u (KE) Nru 454/95 [12] applikabbli mill-1 ta' Marzu, 1995;

Billi, barra minn hekk, ir-Regolament (KEE) Nru 1589/87 għandu jiġi emendat sabiex il-butir fabbrikat f'Istat Membru ieħor għajr dak ta' l-aġenzija tax-xiri b'intervent jista' jinxtara għall-intervent u r-riferenza tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 777/87 [13] għandha tiġi koreġuta fir-Regolament (KEE) Nru 1547/87;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2191/81 jindika illi għandu jiġi konċess l-istess ammont għax-xiri għall-ħażna tal-butir irrispettivament mill-kontenut minimu ta' xaħam tal-butir;

Billi, mogħti l-bejgħ magħmul u s-sitwazzjoni tas-suq fil-butir, l-ammont ta' l-għajnuna għall-butir ta' kontenut minimu ta' xaħam ta' 82 % għandu jiġi mnaqqas u għandu jiġi stabbilit koeffiċjent sabiex japplika għal din il-għajnuna fil-każ ta' butir b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 80 %;

Billi l-għajnuna hi koncessa lil fornitur tal-butir fuq applikazzjoni bil-miktub u fuq il-preżentazzjoni ta' fattura numerata valida għal xahar;

Billi l-Istati Membri għandhom jingħataw il-għażla li jtawlu l-validità tal-fattura għal tliet xhur kalendarji bil-ħsieb li jiffaċilitaw ix-xogħol amministrattiv involut;

Billi l-Kumitat tat-Tmexxija tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib ma tax opinjoni fil-limitu taz-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, pġ. 13.
[2] ĠU L 169, tat-18.7.1968, pġ.1.
[3] ĠU L 187, tat-13.7.1991, pġ.1.
[4] ĠU L 298, tad-19.11.1994, pġ.1.
[5] ĠU L 90, tal-15.4.1969, pġ. 12.
[6] ĠU L 53, ta' l-24.2.1994, pġ. 11.
[7] ĠU L 144, ta' l-4.6.1987, pġ. 12.
[8] ĠU L 150, tal-15.6.1991, pġ. 26.
[9] ĠU L 146, tas-6.6.1987, pġ. 27.
[10] ĠU L 350, tal-31.12.1994, pġ. 66.
[11] ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, pġ. 20.
[12] ĠU L 55, ta' l-1.3.1988, pġ. 31.
[13] Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 1547/87 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

(a) Ir-riferenza għall-aħħar subparagrafu ta' "l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 685/69" fit-tieni subparagrafu ta' "l-Artikolu 1(1) tiġi mibdula bl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 454/95".

(b) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

1. fl-ewwel sentenza, ir-riferenza "għall-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KEE) Nru 777/87" tiġi mibdula "bl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KEE) Nru 777/87";

2. fl-ewwel inċiż ir-riferenza "għall-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KEE) Nru 985/68'" tiġi mibdula "bl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 804/68".

(ċ) L-inċiż li ġej jiżdied mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1):

"— fejn it-transazzjonijiet li jirriferu għal-butir tal-kwalità li hemm riferenza għalih fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2 ma humiex kunsidrati li jkopru volum kbir biżżejjd biex ikun rappreżentattiv, il-kriterji sabiex jiġi stabbilit il-proporzjon bejn il-prezzijiet tal-butir li għalih ikun hemm numru suffiċ ta' transazzjonijiet u dawk għall-butir li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 2".

(d) It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 5 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"— il-kwantitjiet tal-butir li huma suġġetti għal offerta biex jinbiegħu reġistrati skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 454/95".

2. Ir-Regolament (KEE) Nru 1589/87 huwa emendat kif ġej:

(a) It-tieni u tielet subparagrafi ta' l-Artikolu 1 jiġu mibdula b'dan li ġej:

"It-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 454/95 għandu japplika għax-xirjiet magħmula skond dan ir-Regolament minbarra l-Artikoli 2(c), 4 (5) u 5 (1).'"

(b) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) It-tieni inċiż tal-paragrafu 1 jiġi mibdul b'dan li ġej:

'jekk jaċċettaw bil-miktub li jikkonformaw ma' l-Artikolu 5(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 454/95";

(ii) il-paragrafu 2 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Il-partijiet interessati għandhom jipparteċipaw fl-istedin għall-offerti maħruġa mill-aġenzija ta' l-intervent ta' l-Istat Membru billi jew jiddepozitaw offerta bil-miktub mingħajr l-avviż ta' irċevuta jew b'kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni bil-miktub bl-avviż għal irċevuta."

(ċ) L-Artikolu 7(1) (c) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(c) Il-maħżen tas-silġ tal-kesħa fejn irid jiġi kunsinjat."

(d) Dan li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 9:

"Bil-patt illi l-kondizzjonijiet indikati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (EC) Nru 454/95 ikunu ġew imħarsa."

3. Ir-Regolament (KEE) Nru 2191/81 huwa emendat kif ġej:

(a) L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(b) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"— butir illi, fl-Istat Membru fejn jiġi fabbrikat, jissodisfa l-kondizzjonijiet indikati fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) 454/95 u li l-ippakkettjar tiegħu jiġi markat kif jixraq."

(b) L-Artikolu 2(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' l-għajnuna għandu jkun ta' 139 Ecu għal kull 100 kilogramma ta' butir.

Fil-kaz tal-butir li hemm riferenza għalih fit-tielet inciz ta' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) 804/68, l-ammont ta' l-għajnuna indikat fis-subparagrafu ta' qabel għandu jiġi moltipikat b'0,976.

Jekk l-ammont ta' l-għajnuna jinbidel, l-ammont il-ġdid għandu japplika għall-kunsinni kollha ta' butir magħmula fuq il-bażi tal-fattura valida għax-xahar li jiġi wara x-xahar li fih kien fissat l-ammont il-gdid.

Iżda, fil-kaz ta' fattura li hija valida għal iktar minn xahar, jekk l-ammont il-ġdid hu ffissat qabel l-aħħar xahar li fih il-fattura tkun valida, l-ammont il-ġdid għandu japplika għall-kunsinni kollha tal-butir magħmula wara l-bidu tax-xahar li jiġi wara x-xahar li fih kien iffissat l-ammont il-ġdid."

(ċ) L-Artikolu 3(5) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"5. Il-fattura għandha tkun valida għax-xahar kalendarju indikat fuqha. Iżda, il-pussess jista' jsir mill-20 jum tax-xahar li jiġi qabel ix-xahar kalendarju indikat fuq il-fattura sa l-10 jum tax-xahar li jiġi wara x-xahar kalendarju indikat fuqha.

Minkejja s-subparagrafu ta' qabel, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għall-validità ta' fattura għal xahrejn jew tlieta kalendarji. F'każi bħal dawn, ix-xhur tal-validità jridu jiġu indikati fuq il-fattura u l-pussess jista' jsir mill-20 jum tax-xahar li jiġi qabel l-ewwel xahar kalendarju indikat fuq il-fattura sal-10 jum tax-xahar li jiġi wara l-aħħar xahar kalendarju indikat fuqha."

4. L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 570/88 tiġi mibdula b'dan li ġej:

"(a) butir prodott direttament u esklussivament minn krema pasturizzata li, fl-Istat Membru fejn jiġi fabbrikat, jissodisfa l-kondizzjonijiet indikati fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) 804/68 u l-ħtiġiet tal-klassi ta' kwalità nazzjonali indikata fil-lista fl-Anness II mar-Regolament (EC) Nru 454/95 u li l-ippakettjar tiegħu jiġi markat kif jixraq."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Marzu, 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Frar, 1995.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*